MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 60/2004

**A.**

**vs.**

**B.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni datata 1 ta’ Marzu 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fit-13 ta’ Gunju 1964 (*vide* Dok. “A”);

Illi miz-zwieg taghhom il-kontendenti m’ghandhomx tfal minuri;

Illi z-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment snin ilu tant illi l-kontendenti ilhom snin twal separati *de facto;*

Illi l-attur issa ilu s-snin jghix wahdu f'Malta u l-konvenuta ilha s-snin tghix wahedha l-Ingilterra;

Illi l-attur talab u ottjena awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedi b'din il-kawza (*vide* Dok. "B");

Illi ghalhekk, l-istess attur talab lill-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *a mensa et thoro* minhabba ragunijiet validi u kontemplati fil-ligi;

2. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja lil kull parti s-sehem tieghu/taghha mill-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti, mhux necessarjament f'ishma ugwali;

3. Tiddikjara x'inhi l-propjeta` parafernali ta' kull parti u tassenja l-istess lil kull parti rispettivament;

4. Tiddikjara illi ebda parti m'ghandha d-dritt li titlob jew tezigi hlas ta' retta alimentari minghand il-parti l-ohra;

5. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 3 ta' Dicembru 2003 fejn dik l-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Joseph Azzopardi awtorizzat lill-attur sabiex jipprocedi b'din il-kawza u sabiex jkompli jirresjedi fil-fond 5, Triq il-Karmelitani, Fgura kollox esebiet bhala Dok. "A" a fol. 5 sa 6 tal-process.

Rat l-affidavit ta' l-attur A datat l-1 ta' Marzu 2004 esebiet bhala Dok. "C" a fol. 8 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti minn fol. 5 sa 8 tal-process inkluz l-affidavit ta' l-attur (a fol. 8);

Rat id-digriet ta' nota guramentata moghti fis-27 ta' Lulju 2004;

Rat id-digriet ta' l-affidavits moghti lill-partijiet fis-27 ta' Lulju 2004 b'terminu ta' tletin (30) jum fejn gie nominat Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati datata 2 ta' Settembru 2004 a fol. 23 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprovdu eccezzjonijiet ulterjuri fi stadju aktar tard meta jkunu edotti mill-fatti;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati a fol. 24 tal-process;

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-14 ta' Ottubru 2004 fejn permezz taghha pprezenta tlett dokumenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2005 fejn l-attur iddikjara li m'hemm xejn x'jinqasam – ghalkemm dan ma ghandhux immur kontra dak li hemm indikat fl-affidavit ta' l-attur stess u fin-nota ta' l-attur datata 4 ta' Marzu 2005.

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-4 ta' Marzu 2005;

Rat il-verbal tad-9 ta' Marzu 2005 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum, 31 ta' Mejju 2005;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jidher li l-partijiet ilhom mizzewgin mit-13 ta’ Gunju 1964 u l-konvenuta hija ta’ nazzjonalita’ Ingliza. Jirrizulta li l-istess kontendenti ilhom *de facto* separati ghal diversi snin tant li l-attur qed jghix hawn Malta, filwaqt li l-konvenuta qed tghix l-Ingilterra. It-tfal tal-kontendenti huma llum maggorenni u l-attur huwa pensjonant. Illi din il-Qorti thoss li hemm kaz ta’ separazzjoni personali minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru li kawza ta’ l-istess iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

Illi konsegwentment din il-Qorti tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tassenja lill-attur il-kera tal-fond 5, Triq il-Karmelitani, Fgura b’dan li kull hlas ta’ kera u servizzi ghall-istess jithallsu mill-attur u l-fond “Sydney House”, Triq ic-Cern, Xghajra fil-limiti ta’ Haz Zabbar li kien inxtara b’kuntratt pubbliku datat 10 ta’ Settembru 1979. *Invece* l-konvenuta qed tigi assenjata l-fond 6, Garfield Close, Greatfield Estate, l-Ingilterra, u jidher li hemm ftehim informali f’dan is-sens bejn l-istess partijiet u dan almenu kif jghid l-attur fl-affidavit tieghu u jidher li l-kuratur deputat Dr. Martin Fenech li qed jirraprezenta lill-konvenuta assenti ma oggezzjonax ghal dan minkejja l-fatt li l-istess affidavit u dokumenti gew ikkomunikati lilu. Dan kollu jirrizulta mir-riferta relattiva *a tergo* ta’ fol. 34 tal-process u wkoll li l-istess kuraturi deputati ma dehrux lanqas darba wahda fil-kawza.

Illi din il-Qorti thoss li minhabba c-cirkostanzi tal-kaz ir-raba’ talba ghandha tigi milqugha; tichad it-tielet talba *stante* li ma hemm ebda provi dwar l-istess u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba *stante* li ma hemmx provvedimenti ohra li ghandhom jittiehdu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma b’xi mod

inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tielet talba attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *a mensa et thoro* minhabba ragunijiet validi u kontemplati fil-ligi konsistenti fl-inkompatibilita' ta' karattru li kawza ta' l-istess z-zwieg u l-konvivenza bejn il-partijiet tkissret irrimedjabbilment.

2. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tassenja lill-attur kemm il-kera tal-fond 5, Triq il-Karmelitani, Fgura b'dan li kull hlas ta' kera u servizzi ghall-istess jithallsu mill-attur u wkoll l-proprjeta' tal-fond "Sydney House", Triq ic-Cern, Xghajra fil-limiti ta' Haz Zabbar. Minn naha l-ohra tassenja lill-konvenuta in piena proprjeta' l-fond 6, Garfield Close, Greatfield Estate, l-Ingilterra.

3. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara illi ebda parti m'ghandha d-dritt li titlob jew tezigi hlas ta' retta alimentari minghand il-parti l-ohra b'applikazzjoni appozita tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16.**

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-kontedenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------